# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 2 ta' Frar 2023**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 899/2022 JVC**

**L-Avukat Dr Natalino Caruana DeBrincat bħala mandatarju speċjali tal-assenti Anna Valentinovna Botvinova (K.I. 0656815L) in forza ta' prokura datata nhar l-ewwel (01) ta' Settembru 2022**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn Dr Natalino Caruana DeBrincat bħala mandatarju speċjali tal-assenti Anna Valentinovna Botvinova fejn espona u talab kif isegwi:

1. 'Illi kif jirrizulta mill-att ta' twelid tal-esponenti bin-numru 6568 tas-sena 2015, l-esponenti hija indikata bl-isem Anna Valentinovna u l-kunjom Osipova (ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok 001);

2. Illi l-esponenti hija hekk ukoll indikata fil-passaport Malti tagħha bin-numru 1213644 (hawn anness u immarkat bħala Dok 002);

3. Illi l-esponenti kienet miżżewġa lil Prof. Alexander Botvinov (vide Dok003 - bin-numru progressivi 3739/2015) liema kellu passaport Malti bin-numru 1213640 (hawn anness u immarkat bħala Dok 005) iżda dan għadda għal dinja aħjar nhar id-09 ta` Mejju tal-2021.

4. Illi sussegwentement u cioe nhar it-30 ta` Novembru tas-sena 2021 l-esponenti bidlet kunjomha fir-Russja minn *'Botvinova'* għal *'Botvinova De Bekkar'* u dan kif jirrizulta miċ-ċertifikat tal-bdil fl-isem bin-numru tar-reġistrazzjoni 160219770002900421005 hawn anness u mmarkat bħala Dok 004.

5. Illi dawn il-bidliet f`kunjom l-esponenti già ġew effettwati fir-Russja u dan kif jirrizulta mil-Passaport Russu hawn anness u mmarkat bħala Dok 006.

6. Illi l-esponenti tixtieq illi dan il-bdil fil-kunjom tagħha jiġi rifless fl-atti tagħha b'dana illi kunjomha jinbidel minn dak ta' *'Botvinova'* għal '*Botvinova De Bekkar'*, liema tibdil għandu jiġi rifless fl-atti ta' stat ċivili relattivi kollha, inklużi iżda mhux biss fil-karta tal-identità u Passaport Malti.

7. Illi għalhekk l-esponenti qed titlob dana sabiex ma ikunx hemm lok għal-ħolqien ta' identità doppja jew saħansitra nuqqas ta' kjarezza dwar l-identità tagħha.

**Għaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti reverentament titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha illi:**

1) Tiddikjara lir-rikorrenti għandha l-kunjom *'Botvinova De Bekkar'*;

2) Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ Malti (bin-numru progressivi 3739/2015), fis-sens illi dan jiġi reġistrat bil-kunjom *'Botvinova De Bekkar'* minflok 'Botvinova';

3) Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi att taż-żwieġ tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni;

4) Tordna illi *ai termini* ta' l-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil surreferit jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrent, kif ukoll fid-dokumenti uffiċjali relattivi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat, filwaqt li minn issa jibqa` inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti proprio innumerat 3739/2015, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata 'Dok. 003', jirriżulta li r-rikorrenti żżewġet lil ċertu 'Alexander Mikhaylovitch BOTVINOV' fid-29 t'April tal-1999 fir-Russja. Skont l-istess Att taż-Żwieġ, il-mara ħadet il-kunjom 'Botvinova' wara ż-żwieġ, u dana skont id-dikjarazzjoni ffirmata minnha stess rigward il-kunjom, kif ukoll skont it-traduzzjoni għal-lingwa Ingliża tal-Att taż-Żwieġ Russu, u għalhekk huwa evidenti li ma sar ebda żball min-naħa tal-esponent meta ġie rreġistrat, *ad verbatim*, l-Att taż-Żwieġ in kwistjoni;

4. Illi kunjom l-attriċi ġie indikat ukoll bħala 'Botvinova' fuq l-Atti tat-Twelid taż-żewġ ulied tagħna nnumerati 6565/2015 u 6566/2015, liema atti ġew irreġistrati f'Malta *ad verbatim* skont l-atti esteri relattivi u skont id-dettalji li ġew iddikjarati fit-talba bil-miktub għar-reġistrazzjoni tal-istess atti, u għalhekk huwa evidenti li ma sar ebda żball da parti tal-esponent fl-atti hawn imsemmijin;

5. Illi minkejja dak premess, ir-rikorrent nomine għan-nom tal-attriċi qed jisħaq illi hija bidlet kunjomha uffiċjalment fir-Russja fit-30 ta' Novembru 2021 minn 'Botvinova' għal 'Botvinova De Bekkar', kif jindika 'Dok. 004' anness

mar-rikors promotur, liema tibdil ġie rifless ukoll fil-passaport Russu tagħha, u għalhekk tramite dawn il-proċeduri qed jiġi mitlub illi t-tibdil li sar fir-Russja jiġi rifless fl-atti lokali li jappartjenu lir-rikorrenti u lid-dixxendenti tagħha, u dan anke sabiex ma jkunx hemm lok għall-ħolqien ta' identità doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identità tagħha;

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**7.** Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, id-Direttur intimat jissottometti illi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjonijiet jistgħu isiru biss fl-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna. L-artikolu 253(3) jistipola illi f'din it-talba ġudizzjarja għandhom jiġu indikati l-atti **bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom** (enfasi miżjuda). Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent nomine għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, sabiex f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-istess tibdil ikun possibbli;

**8.** Illi fir-rigward tar-rabà talba attriċi, qed jiġi speċifikat ukoll li l-esponent huwa biss responsabbli għall-atti tal-istat ċivili, u li għalhekk ma jistax jintalab iwettaq tibdil f'dokumenti uffiċjali oħrajn li mhumiex fil-poter tiegħu.

Għal kull buon fini qed jingħad ukoll illi kemm-il darba r-rikorrenti eventwalment titlob lill-esponent sabiex jirreġistra atti esteri oħrajn li jappartjenu lilha, id-dettalji li jiġu riprodotti fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta jkunu dawk li jidhru fuq l-atti esteri, stante illi l-esponent f'tali każijiet jirriproduċi *ad verbatim* l-informazzjoni li tkun tinsab fl-att esteru ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**9.** Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**10.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti proprio li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat il-bosta dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-liġi esebita a fol. 29 tal-proċess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu il-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat minn fejn jirriżulta li effettivament ir-rikorrenti sal-

lum għadha rikonoxxuta fil-gżejjer Maltin bil-kunjom ta' Botvinova. Rat iżda mid-dokumentazzjoni esebita a fol 8 et seq tal-proċess illi r-rikorrenti fir-Russja bidlet kunjomha għal Botvinova De Bekkar permezz ta' skrittura ta' bdil fil-kunjom datata 30 ta' Novembru 2021.

Rat illi dan il-bdil fil-kunjom huwa rikonoxxut fir-Russja wkoll fil-passaport tagħha esebit a fol 15 ta' proċess. Illi fiċ-ċirkostanzi sabiex ukoll tiġi evitata konfużjoni ma' terzi fil-gżejjer Maltin il-Qorti tqies illi t-talba sabiex ir-rikorrenti tiġi effettivament rikonoxxuta bil-kunjom Botvinova De Bekkar, li huwa l-kunjom rikonoxxut ukoll fir-Russjam hija ġustifikata. Għaldaqstant ser tgħaddi sabiex tilqa l-istess.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija inkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti għandha l-kunjom Botvinova De Bekkar;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna ai termini tal-artikolu 253 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li ssir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ Malti bin-numru progressiv 3739/2015 fis-sens li dan jiġi reġistrat bil-kunjom 'Botvinova De Bekkar' minflok 'Botvinova';

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Frar 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**2 ta' Frar 2023**